**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Jesmar Borg**

Numru 20/2017

Illum 26 ta' Frar 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Jesmar Borg**, ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, iben Micheal u Anna nee' Tanti, imwieled il-Pieta', Malta fl-14 ta' Frar 1994, residenti fil-fond 61, Josuel House, Triq Emmanuel Attard, Santa Venera, Malta u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 91894M, akkuzat talli fis-26 ta' Frar 2016, ghall-habta ta' 21.25hrs, fil-port tal-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex:

Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi

perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) (Dok. "C").

Rat illi fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2018 il-Qorti kkoncediet zmien lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiza sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat illi l-Prosekuzzjoni pprezentat is-sottomissjoni taghha bil-miktub fl-24 ta' Dicembru 2018.

Rat illi d-difiza pprezentat s-sottomissjoni taghha bil-miktub fid-9 ta' Jannar 2019.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**XHIEDA**

F'dan il-kaz xehdu tmien (8) xhieda:

Spettur Edel Mary Camilleri (a fol. 14 et seq.), PS 342 Johan Said (a fol. 31 et seq.), WPC 133 Althea Sammut (a fol. 33 et seq.), Saviour Farrugia (a fol. 35), PC 60 John Grima (a fol. 38 et seq.), PC 951

David Xerri (a fol. 44 et seq.), Profs. Emanuel Sinagra (a fol. 61 et seq.) u l-imputat Jesmar Borg (a fol. 71 et seq.).

**<u>Il-fatti dwar il-kaz</u>**

L-imputat jinsab mixli b'zewg reati – pussess tad-droga kokaina u pussess aggravat tal-istess droga, u cioè, f'cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni effettivament hemm ammissjoni. Kemm fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija meta l-imputat gie arrestat kif ukoll meta xehed quddiem din il-Qorti, l-imputat spjega li d-droga li kienet instabet fil-vettura tieghu kienet ghall-uzu personali tieghu. Fid-dawl ta' dan, ma hemmx kwistjonijiet dwar pussess semplici.

Jonqos ghalhekk li jigi indirizzat jekk kienx hemm pussess aggravat. Jirrizulta li nstabet droga kokaina f'zewg (2) boroz zghar tal-plastik. Apparti dawn, instabu zewg (2) boroz ohra vojta. L-erba' (4) boroz in kwistjoni instabu f'pakkett tas-sigaretti *Pall Mall* li kien mohbi wara l-bieba tal-*petrol* tal-vettura li kien qieghed isuq l-imputat.

Il-Qorti invista ta' diskrepanza dwar l-ammont ta' droga misjuba fejn il-pulizija tghid mod u l-espert tal-Qorti li analizza jghid ammont ftit anqas, il-Pulizija stqarru li nstabet 9.88 grammi[1], l-espert mahtur mill-Qorti kkonkluda li kien hemm 8.02 grammi

---

[1] xhieda tal-Ispettur Edel Mary Camilleri li varjat bejn 9.84 grammi u 9.88 grammi

b'purità ta' hmistax fil-mija (15%). Il-Qorti se tqis li l-ammont li se tiddeciedi dwaru hu dwar dak li rrelata l-espert. Apparti minn hekk, instab l-ammont ta' hames mija u sebghin ewro (€570) fuq il-persuna tal-imputat.

It-teorija li kellha l-Pulizija kienet li l-imputat kien sejjer f'xi post tad-divertiment biex iqassam id-droga. Fl-istqarrija kien suggerit mill-Ispettur lill-imputat li kien sejjer f'certu KU Club. Madankollu, il-pulizija li assistew lill-istess Spettur qalu li l-imputat kien sejjer *farmhouse*. Tul dan il-process l-Ispettur u l-pulizija l-ohra ma spjegawx kif wasslu ghall-konkluzjoni li l-imputat kien sejjer KU Club jew *farmhouse* ma giex spjegat. Kien ikun aktar ghaqli li l-pulizija segwew lill-imputat u kienu jaraw jekk l-imputat kienx tela' Ghawdex biex jitraffika d-droga jew inkella kif sostna tul dawn il-proceduri li tela' ghal ftit jiem Ghawdex u d-droga li kellu fuqu kienet ghall-konsum tieghu personali. Il-flus li nstabu fuqu huwa ammont normali ghal persuna li tkun se tqatta' ftit jiem Ghawdex.

F'dawn il-proceduri ma xehdu ebda persuni pajzana – shab l-imputat – li setghu jispjegaw fejn kienu sejrin dak il-lejl.

La darba l-imputat gie akkuzat li d-droga misjuba fuqu ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu, il-piz jaqa' fuq il-prosekuzzjoni sabiex iggib provi, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, li tippruva din l-akkuza.

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI**

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Paul Philip Caruana,*** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) presjeduta mill-Onor. Imhallef David Scicluna deciza nhar il-21 ta' Gunju 2017:

> *7. Issa, fejn si tratta ta' akkuża bħal dik odjerna, il-pożizzjoni legali hi din: Il-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni u a bażi tal-provi li jinġabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx għall-użu esklussiv (jiġifieri għall-użu biss) tal-pussessur. Prova ossia ċirkostanza waħda f'dan ir-rigward tista', skond iċ-ċirkostanzi tal-każ, tkun biżżejjed. Meta l-ammont ta' droga tkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun ċirkostanza li waħedha tkun biżżejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati. Iżda jekk il-pussessur jikkontesta dan, jiġifieri jallega li d-droga kienet għall-użu esklussiv tiegħu, irid fuq bażi ta' probabbilta` iġib il-provi biex isostni d-difiża tiegħu.*[2]
>
> *8. Kemm il-kwantita` kif ukoll il-mod kif droga tkun stivata, imgeżwra, ippakkjata, eċċ., huma indikaturi ta' jekk droga tkunx għall-użu esklussiv ta' persuna jew mhux għall-użu esklussiv tiegħu. In lineja ġenerali jista' jingħad li akbar ma jkun l-ammont aktar ikun verosimili li din ma tkunx għall-użu esklussiv ta' persuna. Pero` jista' jkollok ammont konsiderevoli*

[2] Ara Appell Krimnali il-**Pulizija v. George Grima**, 11 ta' Mejju 2007.

*ġo pakkett wieħed u jista' jkollok ammont zghir imqassam f'diversi kontenituri jew pakketti jew qratas u xorta jitqies li d-droga ma kinitx għall-użu esklussiv tal-persuna li għandha tkun instabet tali droga. Fil-każ in ezami kien hemm total ta' 14.691 grammi kokaina mqassmin 9.670 grammi f'borża u 5.021 grammi f'borża oħra. Ċertament l-ammont ma kienx wieħed iriżorju, iżda ġaladarba il-iġi tagħna ma tiddeterminax a priori l-minimu meħtieġ biex persuna tkun tista' tinsab ħatja ta' pussess mhux għall-użu esklussiv tagħha, kull każ irid jiġi kkunsidrat fid-dawl tal-fattispecie partikolari tiegħu.*

*[…]*

*12. L-ewwelnett irid jingħad li min ikun qiegħed jabbuża mid-droga normalment ma jkunx jaf il-purita` tad-droga li jkun qiegħed jikkonsma. Imbagħad jekk l-appellant, bħalma jgħid, kien jixtri regolarment mingħand l-istess persuna, u dik il-persuna kienet tbiegħlu kokaina b'dik il-purita`, m'hemmx dubju li ġisem l-appellant kien tolleranti għal dik il-purita`. Kwantu għall-frekwenza ta' l-abbuż da parti ta' l-appellant u l-ammont li kien jieħu, wieħed ma jistax jitfa lil kulħadd fl-istess keffa. Fid-dinja ta' l-abbuż tad-droga hemm diversi fatturi u ċirkostanzi li jvarjaw minn persuna għall-oħra. M'hemm xejn inverosimili fil-fatt li wieħed "jaħseb" minn qabel għal vakanza f'Għawdex fejn probabilment ma jkunx jaf is-suq.*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza ricenti fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Stiano Agius***, moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. C. Scerri Herrera nhar is-16 ta' Ottubru 2018. F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkwotat diversi sentenzi dwar l-elementi tal-pussess aggravat:

Ikkwotat mis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Lawrence Fabri*** (Qorti tal-Appell Kriminali, 27/04/2017):

> *"Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill- Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha[17]"*

*Illi maghmula din id-distinzjoni xorta wahda bhal fil-ligi Ingliza l-prova tista' issir minn inferenza tac-cirkostanzi tal-kaz fejn il-gurispridenza brittanika tindika hekk.*

*"Evidence from which intent to supply may be inferred will include at least one or, more usually, a combination of the following factors:*

- *Possession of a quantity inconsistent with personal use.*
- *Possession of uncut drugs or drugs in an unusually pure state suggesting proximity to their manufacturer or importer.*
- *Possession of a variety of drugs may indicate sale rather than consumption.*
- *Evidence that the drug has been prepared for sale. If a drug has been cut into small portions and those portions are wrapped in foil or film, then there is a clear inference that sale is the object.*
- *Drug related equipment in the care and/or control of the suspect, such as weighing scales, cutting agents, bags or wraps of foil (provided their presence is not consistent with normal domestic use).*
- *Diaries or other documents containing information tending to confirm drug dealing, which are supportive of a future intent to supply, for example, records of customers' telephone numbers together with quantities or descriptions of drugs.*
- *Money found on the defendant was considered in R v Batt (1994) Crim. LR 592. It is not necessarily evidence of future supply. It may be evidence of supply in the past but on its own the money is not evidence of a future intent to supply.*

- *Evidence of large amounts of money in the possession of the defendant, or an extravagant life style which is only prima facie explicable if derived from drug dealing, is admissible in cases of possession with intent to supply if it is of probative significance to an issue in the case R v Morris (1995) 2 Cr. App. R. 69.*
- *Extravagant lifestyle, but only when that is of probative significance to an issue in the case.*[18]"

Il-Qorti kompliet billi kkwotat mill-kaz ***Il-Pulizija vs. Jonathan Mifsud*** (Qorti tal-Appell Kriminali, 27/10/2010):

> *l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` l-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu eskluzziv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu eskluzziv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101."*

Fil-kaz ta' Jonathan Mifsud sucitat, fir-rigward tas-sejbien ta' tmienja u tletin pillola *ecstasy*, il-Qorti osservat li "*Certament dan l-ammont mhuwiex ammont li wiehed jikkonsma wahdu f'lejl wiehed ta' divertiment.*"

Il-Qorti tal-Appell Kriminali analizzat il-kelma *"uzu"* fil-Ligi u osservat:

> *Dak li jrid jiġi pruvat huwa li jeżistu ċirkustanzi li jindikaw li d-droga ma kienitx għall-użu esklussiv. Illi għalhekk hemm element kbir ta' diskrezzjoni fuq il-ġudikant li jrid ikollu dak il-konvinċiment morali li jirriżultaw ċirkostanzi li jindikaw li s-sustanza ma kienitx intiża għall-użu eskussiv. Dak li qiegħed jikkolpixxi l-leġislatur hija l-intenzjoni li sustanza ma tkunx għall-użu esklussiv. L-appellant jagħmel distinzjoni bejn il-kelma 'użu' użata fil-liġi Maltija u l-kelma 'konsum' b'dan li jgħid li l-kelma 'użu' hija ferm aktar usa mill-kelma 'konsum'. Il-Qorti fis-sentenza 'Il-Pulizija vs Jason Mallia'[29] kienet ikkunsidrat li bil-kelma 'użu', il-leġisatur ried ifisser 'konsum' ' u cioè li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmaha'. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-fatt li l-leġislatur għażel li juża l-kelma 'użu' u mhux 'konsum' huwa sinifikanti u dan peress illi għalkemm ammont ta' droga jekk tkun sostanzjali timplika li ma kinitx għal konsum esklussiv ta' dak li jkun per eżempju f'lejl wieħed**, il-kelma 'użu' ma timplikax li din ser per eżempju tiġi konsmata f'lejl wieħed**. Dan japplika speċjalment meta sustanza tinsab f'residenza fejn allura mhux neċessarjament li wieħed kien ser jikkonsmaha dak in-nhar stess iżda li tkun għall-użu tiegħu.*
>
> *[…]*

*Din il-Qorti filwaqt li taqbel li l-ammont ta' 9.92 grammi maqsum f'żewġ pakketti ta' 4.90 u 5.02 grammi eroina huwa ammont sinifikativ,* ***ma taqbilx li kien sta għall-appellant sabiex jiprova li tali droga kienet għall-użu esklussiv tiegħu****.* ***Il-fatt li l-akkużat għażel li jieħu l-pedana tax-xhieda fejn spjega li huwa kellu l-vizzju tal-eroina ma jbiddel xejn mill-oneru tal-prova li hemm fuq il-prosekuzzjoni. Il-fatt li mill-atti ma tirriżultax prova li l-appellant kien dipendenti fuq din id-droga u li kien taht house arrest ma tbiddel xejn lanqas. L-oneru tal-prova hija fuq il-prosekuzzjoni sabiex tipprova li din ma kienitx għall-użu esklussiv.***

[…]

***Illi din il-Qorti tinnota li d-droga kenet maqsuma f'żewġ pakketti b'ammonti simili u kienu jinsabu fil-but tal-appellant u mhux f'xi kexxun fil-kamra tas-sodda tiegħu. In oltre' instabu wkoll erba' mitt ewro (€400) fuq l-appellant. B'dan iċ-ċirkostanzi mingħajr ebda prova oħra, din il-Qorti ma tħoss li ġie ppruvat li s-sustanza ma kienitx għall-użu esklussiv tal-appellant u dan mingħajr dubju dettat mir-raġuni****. Dan anke tenut kont tal-fatt li meta saret it-tfittxija, ma nstab xejn aktar għajr id-droga u l-flus fuq l-appellant. Iżda ma nstabux oġġetti oħra li huma abbinati mal-ispaċċar fosthom miżien.*

[…]

***Din il-Qorti tħoss li l-fatt li nstabet id-droga in kwistjoni f'żewġ boroż b'piż kważi identiku fil-but tal-appellant mhijiex neċessarjament prova li mingħajr dubju dettatt mir-raġuni twassal għal konklużjoni waħda u waħda biss li d-droga ma kienitx għall-użu esklussiv tal-appellant. Mhux kull ċirkostanzi li tista' twassal għal suspett hija suffiċenti, għalhekk din il-Qorti għandha 'a lurking doubt' kemm verament din id-droga ma kienitx għall-użu esklussiv tal-appellant.*** *Dan id-dubju għandu jmur favur l-appellant. [Enfasi tal-Qorti]*

Dan il-kaz huwa simili hafna ghal dak ta' Stiano Agius sucitat. L-ammont ta' droga kienet inqas minn dak ta' Agius (8.02g kokaina u mhux 9.92g eroina), id-droga kienet ukoll imqassma f'zewg (2) boroz u nstab ammont ta' flus (€570 fil-kaz tal-imputat, €400 fil-kaz ta' Stiano Agius).

Il-prosekuzzjoni argumentat li z-zewg boroz vojta kienu ser jintuzaw ghat-traffikar. Hemm assunzjoni li l-ammont ma setax jigi kkonsmat mill-imputat, wahdu, fuq medda ta' *weekend* f'Ghawdex Hemm assunzjoni wkoll li n-numri ta' mobiles u "xi prezzijiet" kienu jintuzaw biex tinbiegh id-droga (l-imputat mhux mixli li kien ittraffika d-droga qabel il-gurnata li biha gie akkuzat). Kuntrarjament ghal dak dikjarat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-

kaz ta' Stiano Agius, gie suggerit li l-imputat kellu juri li kellu dipendenza fuq il-kokaina u li kellu juri hu kif ghelibha.

Effettivament jidher li huwa l-ammont ta' droga li nstabet li tat lok ghat-tieni akkuza fil-proceduri odjerni quddiem din l-Qorti u mhux quddiem Tribunal kif originarjament prevvist. Apparti minn hekk, filwaqt li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Pulizija l-ammont misjub kien deskritt bhala "konsiderevoli", ikkonkludiet billi l-ammont li nstab "ma kienx xi wiehed kbir."

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet din il-Qorti hi tal-fehma li, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ma tistax raġonevolment tasal għall-konklużjoni li l-pussess in kwistjoni ma kienx għall-użu esklussiv tal-imputat.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni biss dik ta' pussess tad-droga Kokaina u tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' elf euro (€1,000) u tordna li jħallas lir-Reġistratur, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ispejjeż peritali ammontanti għal mija u tnejn u disghin ewro u erbgha u tletin ċenteżmu (€*192.34*).

Il-Qorti;

Filwaqt li taghmel referenza ghal Dok EMC6 esebit a fol. 20(a) tal-atti li huwa envelope kontenenti "list with nicknames" b'sinjal tal-ewro (€) fuqu u filwaqt li taghmel referenza wkoll ghal dokument EMC9 u cioe' l-okkorrenza esebita a fol. 25 tal-atti processwali;

Tordna r-rilaxx taz-zewg (2)mobile phones esebiti bhala Dokument EM7, favur il-hati. Tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument EMC5, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

______________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**